MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 9/2005

It-Tribuanl

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Peress illi l-attur ghandu jiehu s-somma ta’ tmenin lira u ghoxrin centezmi (Lm 80.20c.0m) ta’ xoghol ta’ panel beating u spray painting esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fuq il-vettura tieghu tat-tip Nissan Micra (FBE 908).

Peress illi ghalkemm interpellat diversi drabi, il-konvenut baqa’ ma hallasx l-ammont minnhu dovut.

Jghid l-itess konvenut ghaliex m’ghandux ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija:

1) Jigi ikkundannat ihallas lill-attur l-ammont dovut ta’ tmenin lira u ghoxrin centezmi (Lm 80.20c.0m) skond l-invoice hawn anness u markat bhala Dokument ‘A’.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2004 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi mid-data meta tlesta x-xoghol u cioe' mit-18 ta' Lulju 2004 sal-hlas effettiv."

Ra r-risposta li tghid hekk:

" Illi primarjament l-ammont mitlub mill-attur huwa wiehed esagerat stante li t-tiswijiet illi l-attur effetwa fuq il-vettura tal-esponenti kienu biss ta' twahhil ta' fanal illi l-esponenti fornielu u dak ta' spraying tal-mudguard.

Illi minghajr perjudizzju ghas-suespost kwalunkwe ammont dovut ghandu jithallas direttament mill-Atlas Insurance illi kienu assumew ir-resposabbilita' u tort kollu tal-incident awtomobilistiku tal-26 ta' Lulju 2003 bejn il-vettura Nissan March bin-numru tar-registrazzjoni FBD 908 misjuqa minn u proprjeta' tal-esponenti, u l-vettura Volkswagen Passat bin-numru ta' registrazzjoni BLU 222 proprjeta' tal-asskurat taghhom Joseph Scicluna.

Illi ghall-istess fini l-esponenti qieghed jitlob il-kjamata in kawza tal-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited bhala agenta ta' AXA Assurances, ta' 47/50, Ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex, Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez."

Ha konjizzjoni tal-provi u n-nota t'ammisjoni tal-konvenut.

Billi l-ammissjoni hija l-aqwa forma ta' prova li jista' jkollu l-attur.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm 80.20c ghal xoghol ta' panel beating u spray painting esegwit mill-attur fuq inkariku tieghu bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Dicembru 2004 a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------